**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 52**
**It-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**Ħ'ATTARD - ZEBRA CROSSING FI TRIQ L-IMDINA**

**2882. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti update fuq il-mistoqsija parlamentari 23751 li ġiet mistoqsija fil-leġiżlatura li għaddiet u jgħid jekk huwiex possibbli li ssir zebra crossing biswit ix-showroom tal-Harley-Davidson fi Triq l-Imdina, Ħ'Attard fejn it-triq tranġat minħabba l-proġett tas-Central Link?

10/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 52
15/11/2022

**WEBINARS DWAR ID-DIŻABILITÀ**

**2883. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tindika kemm saru webinars dwar id-diżabilità mill-2019 sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Dwar xiex kienu jikkonsistu dawn il-webinars?

10/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità organizzat 11-il webinar mill-2019 sal-lum, b'dettalji ta' kull wieħed kif jidher fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fl-istess ħin l-Aġenzija Sapport ikkordinat u wasslet 22 webinar mill-2019 sad-data tat-tweġiba. Dawn kienu jikkonsistu fi 11 dwar mezzi u programmi differenti ta' teknoloġija assistiva u 11 oħrajn dwar sapport lill-ġenituri u familjari ta' persuni b'diżabilità.
Id-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI) matul dan il-perjodu organizza side-event waqt l-14-il Konferenza tal-Istati Partijiet (CoSP) għall-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li saret virtwalment fis-17 ta' Ġunju tal-2021, bit-titlu *"Freedom to Live: Malta's Path to 2030, How can a National Disability Strategy contribute towards implementing the CRPD and SDGs?".*

Seduta 52
15/11/2022

**SETTUR TAD-DIŻABILITÀ – AKTAR VUĊI LILL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**2884. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tindika x'qiegħed isir sabiex il-persuni b'diżabilità jkollhom aktar vuċi b'saħħitha dwar is-settur tad-diżabilità?

10/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenżija Sapport qed taħdem biex tagħmel kumitat konsultattiv mas-service users, kif ukoll ikomplu jżommu kuntatt kontinwu mal-għaqdiet non-governattivi li jaħdmu fil-qasam.
Filwaqt li d-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI) speċifikament iħares lejn l-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) (Kapitolu 627 tal-Liġijiet ta' Malta), li għadda f'Lulju tal-2021, introduċa, permezz tal-artikolu 6 tiegħu, u fit-termini tal-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni UNCRPD, l-ENGAGE, forum parteċipattiv fi ħdan id-DDI, li jlaqqa' flimkien persuni b'diżabilità, il-federazzjoni nazzjonali tad-diżabilità, u rappreżentanti tas-CRPD bħala regolatur settorjali, u tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà tal-Università ta' Malta, li fiha jinsab id-Dipartiment tal-Istudji dwar id-Diżabilità, bħala kumitat permanenti biex jiddiskuti leġiżlazzjoni, strateġiji u politiċi fil-futur. Ir-Regolamenti tal-2022 dwar l-ENGAGE (L.S. 627.02) ġew approvati reċentement mill-Kabinett f'dan ir-rigward, fit-termini tal-artikolu 6 tal-Att, u l-forum għandu jibda jopera fix-xhur li ġejjin.

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità hija kommessa li tkompli ssaħħaħ il-vuċijiet tal-persuni b'diżabilità. Fil-fatt b'mod kontinwu l-persuni b'diżabilità huma inklużi fid-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kummissjoni, permezz ta' appointments li jsiru minn żmien għal żmien fuq bordijiet ta' entitajiet varji fuq rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, f'kampanji li jkollna kontinwament biex inkomplu nqajmu għarfien fis-soċjetà Maltija u Għawdxija, u f'inizjattivi partikolari.
Fost l-inizjattivi, fis-sena 2021 is-CRPD flimkien ma' Aġenzija Żgħażagħ ħolqot Forum għal Żgħażagħ b'Diżabilità sabiex ikollhom spazju fejn jissaħħu bħala attivisti filwaqt li jikkontribwixxu fid-diskussjonijiet nazzjonali. Fil-ġimgħat li għaddew ħarġet u ngħalqet is-sejħa għat-tieni grupp ta' żgħażagħ li se jkunu parteċipi f'dan il-forum.
Intant, għall-ewwel darba s-CRPD organizzat serje ta' fora għal NGOs fis-settur tad-diżabilità li għandhom l-irwol ta' advocacy, bit-tema "Vuċi aktar b'saħħtu għad-Diżabilità". Matul is-sena 2022, ġew organizzati tliet fora fejn l-għaqdiet kellhom l-opportunità jitkellmu dwar l-isfidi li jiffaċċjaw fis-settur, kif ukoll jiddiskutu opportunitajiet u ideat li bihom jistgħu jikkollaboraw flimkien. F'dawn il-fora, is-CRPD ikkollaborat mal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) u Servizzi Ewropej Malta (SEM).
Għas-sena 2023, is-CRPD qiegħda tesplora kollaborazzjonijiet ma' entitajiet oħra, sabiex tilħaq lil persuni b'diżabilità fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex, u tqajjem aktar kuxjenza dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u modi ta' kif wieħed jista' jirrapporta diskriminazzjoni u jsib rimedju.

Seduta 52
15/11/2022

**PAZJENTI B'NUQQAS TA' SAĦĦA MENTALI - TOBBA LI JAGĦTU SERVIZZ F'RESIDENZI PRIVATI**

**2885. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qiegħed isir sabiex aktar tobba jibdew jinvistaw pazjenti b'nuqqas ta' saħħa mentali fid-djar tagħhom billi bħalissa jidher li hemm tabib wieħed biss f'din l-iskema?

10/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'Jannar ta' din is-sena beda servizz ġdid ta' CIHT . Fl-aħħar għaxar xhur is-CIHT (Crisis Intervention Home Team) raw total ta' 246 pazjenti barra minn Monte Carmeli - Il-Ministru għas-Saħħa huwa kommess illi dan is-servizz jibqa jingħata.

Seduta 52
15/11/2022

**MEDIĊINA RIVAROXABAN**

**2886. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta r-Rivaroxaban mhux se jibqgħu out of stock?

10/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-Rivaroxaban mhumiex out of stock.

Seduta 52
15/11/2022

**SERVIZZ BRONJA**

**2887. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jindika jekk huwiex se jerġa' jintroduċi s-servizz bl-isem ta' Bronja fejn voluntiera jċemplu lill-anzjani li jkunu qed ibatu minn solitudni?

10/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan is-servizz kien sar b'mod volontarju b'kollaborazzjoni bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u Prisms fuq pjattaforma YouSafeMalta. Dan is-servizz ingħata bi skop li waqt il-lockdown fi żmien il-pandemija tal-COVID-19 l-anzjani ma jħossuhomx waħedhom. Ma neskludix li jekk tinqala' l-ħtieġa u/jew ikun hemm domanda għalih, jerġa' jibda jingħata.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3401. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-Gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari b'numru 3391.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3402. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3391.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3403. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3391.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3404. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tagħha? Tista' tindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Tista' tindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari 3391.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3405. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3391.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI QED JAĦDMU FIS-SETTUR PUBBLIKU**

**3406. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm ġew trasferiti impjegati li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li issa qed jaħdmu mal-gvern/fis-settur pubbliku, f'entità jew dipartiment li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jindika x'salarju għandhom dawn l-impjegati? Jista' jindika wkoll il-livell ta' edukazzjoni ta' dawn l-impjegati?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mgħotija għall-mistoqsija parlamentari 3391.

Seduta 52
15/11/2022

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U Z-ZUNTIER QUDDIEM IL-KNISJA PARROKKJALI**

**3487. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għall-Konferenza tal-Aħbarijiet li kienet saret fl-14 ta' Mejju 2019 għall-Proġett ta' Riġenerazzjoni tal-Pjazza u z-Zuntier quddiem il-Knisja Parokkjali ta' Ħal Tarxien kif ukoll għall-mistoqsijiet parlamentari sussegwenti, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'passi ttieħdu u f'liema stadju jinsabu l-pjani u d-disinji relattivi u jekk ġewx konsultati l-awtoritajiet relattivi u l-istess kunsill lokali?

27/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 52
15/11/2022

**SANTA LUĊIJA – ĠNIEN IĊ-ĊINIŻI - XOGĦLIJIET**

**3488. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2321 dwar Ġnien iċ-Ċiniżi f'Santa Luċija, tista' l-Ministru tindika f'liema stadju tinsab l-evalwazzjoni indikata u kemm hemm flus allokati sabiex jiġi esegwit ix-xogħol?

27/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-proċess tal-evalwazzjoni għandu jkun lest fil-ġimghat li ġejjin. Il-proġett huwa stmat li jiswa madwar nofs miljun ewro.

Seduta 52
15/11/2022

**ŻEJTUN – PERSUNI RESIDENTI LI BBENEFIKAW MIS-SUSSIDJU FUQ IL-KIRJIET**

**3489. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm kien hemm persuni miż-Żejtun li tul din is-sena 2022 s'issa, ibbenefikaw mis-sussidju fuq il-kirjiet li saru wara u qabel l-1995 u kemm kienet l-ispiża? Jista' wkoll jinforma lill-Kamra kemm hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin fil-proċess li jiġu żgumbrati?

27/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li fl-2022 l-Awtorità tad-Djar kellha 100 persuna miż-Żejtun li bbenefikaw mis-sussidju fuq il-kirjiet li saru wara u qabel l-1995. L-ispiża kienet ta' €177,309.45c. Hemm persuna waħda miż-Żejtun li bħalissa qiegħda fil-proċess li tiġi żgumbrata.

Seduta 52
15/11/2022

**ŻEJTUN – PERSUNI RESIDENT LI BBENEFIKAW MILL-IN-WORK BENEFIT**

**3490. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar kemm persuni residenti ż-Żejtun ibbenefikaw mill-In-Work Benefit tul din is-sena 2022 s'issa u kemm kien l-ammont ta' flus li ġew imħallsa?

27/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minnu huwa kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalita | Benefiċjarji tal-IWB | Ammont imħallas sa 11/11/22 |
|---|---|---|
| Żejtun | 210 | € 140,216.88 |

Seduta 52
15/11/2022

**IL-FGURA – TRIQ ROMANO CARAPPECCHIA – PROBLEMA TA' ĠRIEDEN**

**3491. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2337 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u li issa ġiet riferuta lilu, jista' l-Ministru jindika jekk ġietx għall-attenzjoni tal-Ministeru l-problema ta' ġrieden kbar li hemm fi Triq Romano Carappecchia, Fgura?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 3135.

Seduta 52
15/11/2022

**WIED IL-GĦAJN – PERSUNI RESIDENTI LI BBENEFIKAW MIS-SUSSIDJU FUQ IL-KIRJIET**

**3492. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm kien hemm persuni minn Wied il-Għajn li tul din is-sena 2022 s'issa bbenefikaw mis-sussidju fuq il-kirjiet li saru wara u qabel l-1995 u kemm kienet l-ispiża? Jista' wkoll jinforma lill-Kamra kemm hemm persuni li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin fil-proċess li jiġu żgumbrati?

27/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2022 l-Awtorità tad-Djar kellha 255 persuna minn Wied il-Għajn li bbenefikaw mis-sussidju fuq il-kirjiet li saru wara u qabel l-1995. L-ispiża kienet ta' €438,351.33c. Ma kienx hemm persuni minn Wied il-Għajn li rrikorrew għall-assistenza wara li ġew żgumbrati jew li qegħdin fil-proċess li jiġu żgumbrati.

Seduta 52
15/11/2022

**IMSIDA – BINI TA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - XOGĦLIJIET**

**3618. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn waqfu x-xogħlijiet fil-bini tal-akkomodazzjoni soċjali fl-Imsida u meta se jerġa' jibda u jitlesta?

02/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi x-xogħlijiet mhumiex weqfin.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – NEFQA FUQ REKLAMAR TAL-BAĠIT 2023**

**3619. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol fir-reklamar tal-Baġit 2023, b'referenza partikolari għar-reklamar fuq il-mezzi soċjali?

02/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol nefaq is-somma ta' €35 fir-reklamar tal-Baġit 2023 fuq il-mezzi soċjali.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – NEFQA FUQ IL-KONFERENZA STAMPA TAL-BAĠIT 2023**

**3620. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol fir-reklamar tal-Baġit 2023, b'referenza partikolari għall-konferenza stampa li saret quddiem Kastilja wara d-diskors tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol?

02/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3442.

Seduta 52
15/11/2022

**NEFQA FUQ IL-KONFERENZA STAMPA TAL-BAĠIT 2023**

**3621. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm nefaq il-Gvern fir-reklamar tal-Baġit 2023, b'referenza partikolari għall-konferenza stampa li saret quddiem Kastilja wara d-diskors tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol?

02/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 3569.

Seduta 52
15/11/2022

**INVESTIGAZZJONIJIET TAL-PULIZIJA RIGWARD TOROQ F'GĦAWDEX**

**3665. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-investigazzjonijiet tal-Pulizija dwar allegazzjonijiet li ħarġu f'Lulju 2017 dwar korruzzjoni jew nuqqasijiet oħra fil-bini ta' toroq f'Għawdex ġewx konklużi?

03/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Ministru ma jkunx infurmat bl-investigazzjonijiet.

Seduta 52
15/11/2022

**BORD TAL-REWS - MEMBRI - ĦATRIET**

**3666. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3111, u b'referenza wkoll għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 1168, peress li jidher li mit-tagħrif mogħti almenu żewġ ħatriet tal-membri tal-Bord tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) ser jiġu fi tmiem dan ix-xahar (Novembru 2022), tista' l-Ministru tispjega għalfejn il-kriterji tal-għażla għadhom ma ġewx ippubblikati?

03/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-kriterji għall-ħatra tal-Bord tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) se jiġu ppubblikati fil-jiem li ġejjin.

Seduta 52
15/11/2022

**XAGĦRA, GĦAWDEX - PROĠETT TA' BINI MILL-ĠDID TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU**

**3667. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra rigward il-proġett tal-bini mill-ġdid taċ-Ċentru Ċiviku ġewwa x-Xagħra, Għawdex, liema proġett kien tħabbar sena ilu? Jista' l-Ministru jgħid meta huma ppjanati li jibdew ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett? Jista' jgħid meta hu mistenni li dan il-proġett ikun lest?

03/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li preżentament it-tender dwar l-imsemmi proġett jinsab fil-fażi ta' evalwazzjoni.

Seduta 52
15/11/2022

**IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENTI UE 2022/2065 - ĦIDMA**

**3668. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'ħidma saret jew qed issir fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2065?

04/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament inkwistjoni qed jiġu analizzati. Dan biex fl-ewwel lok jiġu identifikati x'miżuri hemm bżonn li jittieħdu għat-twettiq effettiv tal-istess Regolament, kemm minn perspettivi amministrattivi kif ukoll minn dawk leġiżlattivi, u jiġi assigurat ukoll li l-implimentazzjoni tiegħu tiġi mwettqa fiż-żmien stipulat mill-istess Regolament.

Seduta 52
15/11/2022

**DGĦAJJES IRREĠISTRATI BĦALA MFC MINN PERSUNI RESIDENTI F'GĦAWDEX**

**3678. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2869 u jgħid kemm kien hemm dgħajjes irreġistrati bħala MFC minn persuni residenti f'Għawdex fl-aħħar tas-sena 2015 u kemm kien in-numru ta' dawn id-dgħajjes irreġistrati f'Għawdex fl-aħħar ta' kull sena minn dakinhar sal-lum? Jista' wkoll jgħid fil-preżent kemm hemm dgħajjes irreġistrati bħala MFC minn persuni residenti f'Għawdex?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3678 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 52
15/11/2022

**IX-XLENDI GĦAWDEX - PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PARKEĠĠ**

**3679. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra dwar fiex jikkonsistu u meta bdew u fiex waslu u meta ħa jispiċċaw il-konsutazzjonijiet bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward il-proġett tar-riġenerazzjoni tal-parkeġġ tax-Xlendi?

07/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Ministeru t'Għawdex fuq kif ser tiġi integrata l-infrastruttura tad-drenaġġ tal-Korporazzjoni mal-proġett tar-riġenerazzjoni tal-parkeġġ tax-Xlendi.
Id-diskussjonijiet bdew madwar xahar ilu u l-proċess tal-konsultazzjoni jingħalaq meta jintlaħaq ftehim reċiproku.

Seduta 52
15/11/2022

**MTARFA DAY CENTRE – XOGĦLIJIET TA' RINNOVAR U ESTENSJONI**

**3732. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3637 dwar xogħlijiet ta' rinnovar u l-estensjoni tal-Imtarfa Day Centre għall-persuni b'diżabilità, tista' l-Ministru tgħid fiex intefqu l-€214,000 imsemmija? Meta hu mistenni li jibda u jitlesta ċ-ċint mal-periferija għal aktar sigurtà? Matul l-2022 kemm kienet in-nefqa fuq xogħol ieħor ta' rinovazzjoni f'partijiet oħrajn taċ-ċentru u kemm hi stmata li tkun nefqa simili sal-aħħar tal-2022 u matul l-2023, b'mod separat għal kull perjodu? S'issa kemm intefaq f'dan l-istess ċentru għal dawn ix-xogħlijiet? Kemm hu maħsub li jkun il-valur totali tax-xogħlijiet li twettqu jew li se jitwettqu matul l-2022? X'inhuma r-raġunijiet għad-diskrepanza bejn il-valur li kien budgeted għall-2022 u l-valur totali li fil-fatt hu maħsub li jkun intefaq matul l-2022? Kemm hu maħsub li jkun il-valur totali tax-xogħlijiet li se jitwettqu matul l-2023?

08/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-€214,000 imsemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3637 koprew spejjeż marbuta ma':
§ Twaqqigħ ta' binja
§ Skavar tas-sit
§ Xogħol marbut mal-preparazzjoni ta' pjanti u permessi
§ Spejjeż ta' professjonisti
§ Studji arkeoloġiċi u monitoraġġ
§ Saħħa u sigurtà
§ Tindif tas-sit u ġarr ta' materjal
Ix-xogħlijiet fuq iċ-ċint mal-periferija hu mistenni jibda ladarba jispiċċa l-proċess kollu konness mal-aġġudikar u l-approvazzjoni tat-tender.
Xogħlijiet oħra ta' rinovazzjoni f'partijiet oħrajn taċ-ċentru fl-2022 apparti dan il-proġett u dawk proġettati għas-sena 2023 huma kif imsemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3657.
Id-diskrepanza bejn il-valur tal-flus ivvutati għas-sena 2022 u dak li mistenni jintefaq hi riżultat tal-waqfa fix-xogħlijiet, sabiex jiġu diskussi pjanti ġodda wara li nstabu fdalijiet ta' wirt storiku, kif innutat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3637.

Seduta 52
15/11/2022

**SKEJJEL – KMAMAR GĦAL TFAL B'CHALLENGING BEHAVIOUR**

**3733. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk il-Ministeru bediex jew hux se jibda diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur biex fl-iskejjel tagħna jkun hemm spazji jew kmamar għal tfal li jiġu meqjusa li għandhom challenging behaviour bħall-awtiżmu, sabiex dawn it-tfal ikunu jistgħu jingħataw l-attenzjoni neċessarja? Jekk iva, fiex waslu dawn id-diskussjonijiet? Jista' jgħid jekk fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex jeżistux dawn il-kmamar/spazji? Jekk iva, f'liema skejjel jeżistu dawn il-kmamar/spazji?

08/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn is-servizzi u faċilitajiet għal tfal b'challenging behaviour diġà jeżistu fl-iskejjel. Skejjel Primarji bħal ta' Ħal Lija, Fgura, San Ġwann, Pietà, Birkirkara, Senglea, Birżebbuġa, Żebbuġ, Pembroke, Qawra u Marsaskala huma diġà mgħammrin bi kmamar Multi Sensorjali. Għaddej ukoll xogħol ieħor biex jiżdiedu aktar "Autisim Classes" fl-iskejjel Sekondarji u Medji.

Seduta 52
15/11/2022

**BENEFIĊĊJI GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ/GĦAQDIET VOLONTARJI RELATATI MAL-BINI**

**3734. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3530, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kull każ imsemmi fit-tweġiba fejn ġie applikat ir-regolament imsemmi fl-istess tweġiba? Fiex kienet tikkonsisti kull applikazzjoni u kemm kien il-valur li gawdiet minnu kull għaqda matul l-2022? Dawn l-għaqdiet jistgħu jerġgħu jibbenefikaw permezz ta' dan ir-regolament matul l-2023 u s-snin sussegwenti?

08/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2022 kien hemm erba' każijiet fejn l-Awtorità tal-Ippjanar applikat dan ir-regolament.
PA 5585/22- *"San Blas; Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers (Caritas Malta)."* Development Permit Fee għal special buildings għandha rata fissa ta' €145.00 għal kull unita proposta. B'hekk ġew iffrankati €116.88.
PA 2281/22 – "*The Eden & Razzett Foundation, To sanction variations from PA/03851/92.*'' Development Permit Fee għal special buildings għandha rata fissa ta' €145.00 għal kull unita proposta. B'hekk ġew iffrankati €1984.64.
PA 2653/22 – "*The Scout Association of Malta, Proposed alterations and additions to make the building accessible for all, which includes new lift and access ramp. Proposed excavation to form a basement level. Proposed extension of two rooms at first floor, and replacement of existing roof structure.''* Development Permit Fee għal special buildings għandha rata fissa ta' €145.00 għal kull unità proposta. B'hekk ġew iffrankati €717.68.
RG 0628/22 – *"Parroċċa tal-Għasri - To regularise parish centre as built."* Fil-każ ta' Regularisation ma' hemmx Development Permit Fee . Dan ifisser li ma kien hemm l-ebda tnaqqis. Madankollu, f'dan il-każ wieħed jista' jagħmel paragun mal-kategorija kummerċjali minħabba li kieku l-Avviż Legali ma kienx jipprovdi għall-kategorija soċjali, l-iżvilupp kien jitqies bħala wieħed kummerċjali (minħabba li mhux wieħed ta' natura residenzjali jew agrikolu). F'dan il-każ ġew iffrankati €3100.
Huwa evidenti li għaqdiet volontarji jikkwalifikaw għal tali rati speċjali kif diġà sar din is-sena u għalhekk tali rati jkunu jistgħu japplikaw anke għall-permessi ta' żvilupp fis-sena 2023.

Seduta 52
15/11/2022

**BENEFIĊĊJI GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ/GĦAQDIET VOLONTARJI RELATATI MAL-BINI**

**3735. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3530, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk persuni b'diżabilità jew qraba tagħhom, igawdux minn xi benefiċċju bħal tnaqqis ta' ħlasijiet, jekk japplikaw għal xi permessi relatati mal-bini? Jekk iva, x'benefiċċji għandhom, kemm-il persuna gawdiet minn tali skemi matul l-2022 u min gawda minn tali skemi matul l-2022? Jista' jgħid jekk għall-2023 hux se jkun hemm possibbiltà ta' benefiċċji għall-persuni b'diżabilità jew qraba tagħhom jekk japplikaw għal xi permessi relatati mal-bini u fiex jikkonsistu tali benefiċċji?

08/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-eżenzjonijiet b'rati speċjali fi ħlasijiet tal-ippjanar japplikaw f'każ ta' għaqdiet kif imsemmi fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3530 u mhux fuq persuni individwali.

Seduta 52
15/11/2022

**ĦAD-DINGLI – PROĠETT TA' DAR RESIDENZJALI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**3736. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3638 dwar il-proġett ta' dar residenzjali għal persuni b'diżabilità adulti f'Ħad-Dingli, tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar kemm mill-Baġit allokat għal din is-sena għal dan il-post intefaq matul l-2022 u fiex intefaq? Tista' tgħid kemm hu maħsub li jkun il-valur tax-xogħlijiet inkluż servizzi li se jitwettqu matul l-2022 u fiex inhu maħsub li dan il-valur se jkun intefaq? X'inhi r-raġuni għad-diskrepanza bejn il-valur li kien budgeted għall-2022 u l-valur totali li fil-fatt hu maħsub li jkun intefaq matul l-2022?

08/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-baġit allokat għall-proġett ta' dar residenzjali f'Ħad-Dingli fl-2022 intefqu €19,639. Dawn kienu spejjeż marbuta ma' xogħol meħtieġ għall-preparazzjoni ta' pjanti u sottomissjoni tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.
B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3638, ix-xogħlijiet jibdew ladarba titlesta l-fażi tal-abbozzar, pubblikazzjoni u għotja tat-tenders wara li joħorġu l-permessi meħtieġa u għalhekk mhux proġettat li jkun hemm l-ebda nefqa oħra sal-aħħar tal-2022.

Seduta 52
15/11/2022

**SPAZJI MIFTUĦA F'GĦAWDEX**

**3747. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa ġewwa Għawdex? Jista' jagħti dettalji dwar dan?

08/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 3570.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3763. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferri lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari1727.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3764. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-PQ1728.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3765. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 1729.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - INKARIGU TAL-PERMANET SECRETARY**

**3766. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tagħha rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-profil tas-Segretarju Permanenti fi ħdan dan il-Ministeru.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3767. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - INKARIGU TAL-PERMANENT SECRETARY**

**3768. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jipprovdi d-data tal-inkarigu tal-Permanent Secretary li hemm fil-Ministeru tiegħu rispettivament?

08/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 1732.

Seduta 52
15/11/2022

**SPECIAL OLYMPICS – GĦAJNUNA LIL SPORTIVI B'DIŻABILITÀ**

**3785. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3640 u jagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, tingħata lil dawk l-isportivi b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fl-iSpecial Olympics? Jista' jagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, tingħata lil dawk l-isportivi b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fil-Paralympics?

09/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għajnuna finanzjara mogħtija lill-iSpecial Olympics Malta hi ta' €400,000.

Seduta 52
15/11/2022

**DIPARTIMENT TAT-TAXXA – TELEWORK GĦALL-ĦADDIEMA**

**3791. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk kienx hemm tibdil fit-telework għall-ħaddiema fid-Dipartiment tat-Taxxa? Jekk iva, x'kienet il-bidla u x'inhi r-raġuni li saret din il-bidla?

09/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għat-teleworking jiġu riveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 52
15/11/2022

**XEMXIJA - MISTRA VILLAGE – KUMPLESS TURISTIKU**

**3798. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed tieħu jew ħadet l-Awtorità tal-Ippjanar għall-periklu u l-inkonvenjent li qed joħloq lir-residenti s-sit abbandunat taż-żona ta' fejn qabel kien hemm il-kumpless turistiku tal-Mistra Village fix-Xemxija?

09/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija numru 24344.

Seduta 52
15/11/2022

**XEMXIJA - MISTRA VILLAGE – KUMPLESS TURISTIKU**

**3799. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jieħdu jew ħadu l-pulizija għall-periklu u l-inkonvenjent li qed joħloq lir-residenti s-sit abbandunat taż-żona ta' fejn qabel kien hemm il-kumpless turistiku tal-Mistra Village fix-Xemxija?

09/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Membru sabiex jipprovdi aktar informazzjoni dwar liema tip ta' inkonvenjent qed jirreferi.

Seduta 52
15/11/2022

**SIĠĠIEWI – SKOLA PRIMARJA - UŻU TAS-SALA GĦAL TAGĦMIR MEDIKU**

**3801. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li kien hemm bosta lmenti mingħand ġenituri ta' studenti u edukaturi fi ħdan l-Iskola Primarja tas-Siġġiewi għall-fatt li s-sala prinċipali qed tintuża bħala store għal tagħmir mediku, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta dan it-tagħmir se jitneħħa u b'hekk is-sala tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi tkun tista' terġa' tibda tintuża b'mod regolari għall-attivitajiet edukattivi u soċjali kemm mill-Edukaturi kif ukoll mill-istudenti?

09/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi diġà sar it-trasferiment tal-oġġetti tal-pandemija mill-Iskejjel ta' San Ġwann u San Ġiljan. Fil-jiem li ġejjin se jsir trasferiment tal-istokk l-ieħor li fadal.

Seduta 52
15/11/2022

**IMWIET TA' PERSUNI KAWŻA TA' MARD RESPIRATORJU**

**3802. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' mard respiratorju, sena b'sena, mill-2012 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella hawn taħt mehmuża.

| Kawża ewlenija tal-mewt | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mard tas-sistema respiratorja | 292 | 349 | 316 | 355 | 338 | 386 | 392 | 462 | 431 |

Seduta 52
15/11/2022

**INĊIDENTI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL – IMWIET TA' PERSUNI**

**3803. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' inċident fuq il-post tax-xogħol, sena b'sena, mill-2012 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' persuni li mietu kawża ta' inċident fuq il-post tax-xogħol bejn l-2012 u Ġunju tal-2022 jinsab fit-tabella hawn taħt:

| **2012** | **2013** | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022(sa Ġunju)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 | 4 | 4 | 5 | 7 | 1 | 4 | 3 | 8 | 9 | 9 |

Sors: NSO

Seduta 52
15/11/2022

**INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU – IMWIET TA' PERSUNI**

**3804. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' inċident tat-traffiku, sena b'sena, mill-2012 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 52
15/11/2022

**INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU – IMWIET TA' PERSUNI**

**3805. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' inċident tat-traffiku, sena b'sena, mill-2012 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3805 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 52
15/11/2022

**IMWIET TA' PERSUNI KAWŻA TA' OMIĊIDJU**

**3806. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm mietu persuni kawża ta' omiċidju, sena b'sena, mill-2012 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi bejn l-1 ta' Jannar 2012 u d-9 ta' November 2022, kien hemm 70 persuna li sfaw vittmi ta' omiċidju.

| **Vittmi ta' omiċidju: 2012 - 2022**[1] | |
|---|---|
| | |
| **Sena** | **Total** |
| 2012 | 12 |
| 2013 | 7 |
| 2014 | 6 |
| 2015 | 4 |
| 2016 | 5 |
| 2017 | 9 |
| 2018 | 7 |

| | |
|---|---|
| 2019 | 5[2] |
| 2020 | 7 |
| 2021 | 2 |
| 2022[1] | 6 |
| [1] It-total għas-sena 2022 ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u d-9 ta' November 2022. | |
| [2] It-total jinkludi persuna li kienet irrappurtata nieqsa fl-2008, u nstabet mejta fl-2019. | |
| Sors: NSO | |
| | |

Seduta 52
15/11/2022

**ANZJANI GĦAWDXIN – SERVIZZ TA' HELPER FID-DAR**

**3813. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 3300 u jgħid kemm hawn anzjani Għawdxin li jridu s-servizz ta' helpers fid-djar tagħhom, imma mhux jingħatalhom? Jista' jgħid kemm hawn anzjani li sa sitt xhur ilu kellhom is-servizz ta' helpers fid-dar tagħhom f'Għawdex, imma m'għadux jingħatalhom? Jista' jgħid ukoll minn Jannar tal-2021 sal-lum kemm kien hemm helpers f'Għawdex li telqu minn fuq il-post tax-xogħol tagħhom? Jista' jgħid kemm hu dan l-ammont kull xahar tal-helpers li telqu?

09/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minħabba li numru ta' homehelpers irtiraw biż-żmien jew irriżenjaw, id-Direttorat qiegħed fil-proċess li jsaħħaħ dan is-servizz sabiex ilaħħaq mad-domanda li dejjem qed tiżdied.

Seduta 52
15/11/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR, MELLIEĦA, SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – PROĠETTI TA' RIĠENERAZZJONI U TISBIĦ**

**3831. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid bejn Jannar 2021 u Settembru 2021 kemm intefqu flus f'riġenerazzjoni u tisbiħ ġewwa l-lokalitajiet ta' San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa, San Ġiljan u Tas-Sliema? Jista' jsemmi liema proġetti saru jew ibbenefikaw minnhom?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalitajiet imsemmija saru diversi proġetti li ammontaw għal fuq minn sitt mija, tmienja u ħamsin elf Ewro.

Seduta 52
15/11/2022

**SAN ĠILJAN - SPINOLA – PJAN TA' RIĠENERAZZJONI**

**3832. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda l-pjan ta' riġenerazzjoni tal-pjazza/ġnien ta' Spinola kif kien imħabbar waqt konferenza stampa mill-Ministru Clayton Bartolo?

10/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Spinola se jibdew fix-xhur li ġejjin minn Triq Paceville b'kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta.

Seduta 52
15/11/2022

**SAN ĠILJAN – PACEVILLE AVENUE – XOGĦLIJIET TA' UPGRADE**

**3833. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' upgrade ta' Paceville Avenue? Jista' jgħid jekk din it-triq hux ser tkun pedestrian jew le?

10/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta se tintervjeni fuq din it-triq fix-xhur li ġejjin, proġett li jara titjib fis-servizzi kif ukoll fl-infrastruttura tat-triq. Infrastructure Malta qiegħda f'diskussjonijiet ma' entitajiet oħra tal-Gvern dwar xogħol addizzjonali li jista' jiġi inkorporat f'dan il-proġett.

Seduta 52
15/11/2022

**SAN ĠILJAN – PALAZZO SPINOLA**

**3834. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet tiegħu għall-Palazzo Spinola ġewwa San Ġiljan?

10/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li temporanjament dan il-palazz se jkun assenjat lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ, sa ma jsiru x-xogħlijiet ta' restawr meħtieġ fil-Ministeru ġewwa Palazzo Parizsio fit-triq il-Merkanti l-Belt Valletta, bħalissa qed isiru diskussjonijiet ma' dan il-Ministeru dwar il-Pjan tax-xogħol meħtieġ.

Seduta 52
15/11/2022

**SAN ĠILJAN – PALAZZO SPINOLA – XOGĦOL TA' RESTAWR**

**3835. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda x-xogħol ta' restawr tas-saqaf, twieqi u faċċata tal-Palazzo Spinola ġewwa San Ġiljan fid-dawl tal-applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar biex dan il-palazz jittranġa?

10/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 3834.

Seduta 52
15/11/2022

**SAN ĠILJAN – PALAZZ SPINOLA – ENCROACHMENT**

**3836. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kif u meta nħareġ it-tender għal encroachment li hemm fil-ġnien ta' wara, ġewwa l-Palazzo Spinola u li dan qed jintuża bħala ristorant u pizzerija? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan t-tender?

10/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-concessions b'encroachment kien ingħata b'mod dirett lil stabbiliment tal-likel li jopera fl-istess żona. F'dan il-każ l-encrochment fil-ġnien irelatat ma' dan l-istabbilment ingħata fl-2006.

Seduta 52
15/11/2022

**FONDI EWROPEJ (PROGRAMMING PERIOD 2014-2020) – FONDI MOGĦTIJA U MITLUFA**

**3868. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jikkonferma kemm Fondi Ewropej ġew mogħtija u mitlufa fuq proġetti ġewwa Għawdex matul il-'programming period' 2014-2020?

10/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tiġi miġbura u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 52
15/11/2022

**GĦAWDEX - ĊITAZZJONIJIET**

**3869. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti l-ammont ta' ċitazzjonijiet li ngħataw ġewwa Għawdex, raħal b'raħal?

10/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-ammont ta' taħrikiet matul is-sena 2022 mill-uffiċjali tal-Lesa u Pulizija, għall-każi li jiġu deċiżi mit-Tribunali Lokali, raħal b'raħal, għas-sena 2022 sa Ottubru, huwa kif jidher fit-tabella hawn taħt:

| | 2022 | | | | | | | | | | **2022 Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Offence Locality** | **Jan** | **Feb** | **Mar** | **Apr** | **May** | **Jun** | **Jul** | **Aug** | **Sep** | **Oct** | |
| RABAT | 566 | 684 | 457 | 516 | 536 | 344 | 426 | 550 | 553 | 885 | 5,517 |
| ZEBBUG | 89 | 125 | 85 | 142 | 167 | 198 | 401 | 417 | 316 | 136 | 2,076 |
| GHAJNSIELEM | 145 | 104 | 129 | 127 | 149 | 143 | 85 | 135 | 143 | 156 | 1,316 |
| XEWKIJA | 134 | 102 | 77 | 94 | 79 | 30 | 32 | 73 | 34 | 105 | 760 |
| XAGHRA | 37 | 57 | 30 | 26 | 51 | 50 | 54 | 47 | 42 | 26 | 420 |
| MUNXAR- | 34 | 70 | 33 | 42 | 43 | 68 | 106 | 99 | 89 | 51 | 635 |
| NADUR- | 42 | 38 | 20 | 30 | 66 | 35 | 30 | 41 | 39 | 47 | 388 |
| QALA | 52 | 49 | 28 | 15 | 33 | 51 | 43 | 77 | 43 | 28 | 419 |
| GHARB- | 24 | 38 | 10 | 16 | 13 | 15 | 22 | 36 | 24 | 35 | 233 |
| SANNAT | 26 | 25 | 25 | 23 | 34 | 13 | 25 | 12 | 7 | 15 | 205 |
| FONTANA | 12 | 12 | 4 | 6 | 11 | 9 | 9 | 16 | 12 | 21 | 112 |
| KERCEM | 8 | 9 | 3 | | 10 | 4 | 8 | 13 | 5 | 12 | 72 |
| GHASRI | 6 | 3 | 2 | 7 | 11 | 18 | 20 | 8 | 2 | 10 | 87 |
| SAN LAWRENZ | 6 | 3 | 1 | 4 | 5 | 1 | 4 | 8 | 5 | 7 | 44 |
| Grand Total | 1,181 | 1,319 | 904 | 1,048 | 1,208 | 979 | 1,265 | 1,532 | 1,314 | 1,534 | **12,284** |

Seduta 52
15/11/2022

**KULLEĠĠ TA' GĦAWDEX – SEJĦA GĦAL EDUCATIONAL OFFICER CURRICULUM**

**3871. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk għall-Kulleġġ ta' Għawdex b'mod speċifiku, ħarġitx sejħa għal EO (Educational Officer) Curriculum? Jekk iva, jista' jgħid jekk din il-vakanza mtlietx u f'każ li iva, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li ħadet dan il-post hux qarib ta' Ministru fil-kabinett attwali?

11/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 52
15/11/2022

**SKEJJEL F'MALTA U GĦAWDEX – FIRST AIDERS BIL-KORSIJIET AĠĠORNATI**

**3872. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jgħid jekk hemmx first aider (bil-korsijiet aġġornati) għal kull skola f'Malta u Għawdex, kemm primarji, medji kif ukoll sekondarji? Jista' jagħti rendikont ta' kemm hawn first aiders bil-korsijiet aġġornati fil-livell primarju, medju u sekondarju? Jista' jgħid ukoll meta se jkunu msejħa l-first aiders attwali biex jaġġornaw il-korsijiet li għandhom bħalissa (u li ta' wħud huma skaduti)?

11/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 52
15/11/2022

**ĦAL TARXIEN – SKOLA MEDJA – LOCKERS MHUX AĊĊESSIBBLI**

**3873. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li minħabba fiha, il-lockers fl-Iskola Medja ta' Ħal Tarxien mhumiex aċċessibbli għall-istudenti?

11/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 52
15/11/2022

**IL-BELT VALLETTA - LUKANDI**

**3875. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3066 u jgħid kemm hemm lukandi liċenzjati mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fil-Belt Valletta? Kemm minn dawn ġew liċenzjati fl-2021? Kemm applikazzjonijiet għal lukandi fil-Belt Valletta ġew irrifjutati fl-2021?

11/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' lukandi liċenzjati fil-lokalità tal-Belt Valletta huwa ta' 14. Lukanda minnhom ingħatat il-liċenzja fl-2021.

Seduta 52
15/11/2022

**IL-BELT VALLETTA - LUKANDI**

**3876. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3067 u jgħid kemm hemm sodod totali ta' lukandi fil-Belt Valletta?

11/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' sodod fil-lukandi liċenzjati ġewwa l-lokalità tal-Belt Valletta jammonta għal 975.

Seduta 52
15/11/2022

**IL-FURJANA - LUKANDI**

**3877. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3068 u jgħid kemm hemm lukandi liċenzjati mill-MTA fil-Furjana? Kemm applikazzjonijiet għal lukandi fil-Furjana ġew irrifjutati fl-2021?

11/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' lukandi liċenzjati fil-lokalità tal-Furjana huwa ta' tnejn.

Seduta 52
15/11/2022

**IL-FURJANA – LUKANDI**

**3878. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3069 u għid kemm hemm sodod totali ta' lukandi fil-Furjana?

11/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' sodod fil-lukandi liċenzjati fil-lokalità tal-Furjana huwa ta' 1,130.

Seduta 52
15/11/2022

**IL-ĦAMRUN – LUKANDI**

**3879. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3070 u jgħid kemm hemm lukandi liċenzjati mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fil-Ħamrun? Kemm huma s-sodod totali ta' dawn il-lukandi?

11/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità tal-Ħamrun ma hemm l-ebda lukanda liċenzjata.

Seduta 52
15/11/2022

**RISTORANTI LIĊENZJATI**

**3880. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3071 u jgħid kemm huma r-ristoranti liċenzjati ġewwa Malta u Għawdex? Kemm minnhom huma ġewwa l-Belt Valletta?

11/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' ristoranti liċenzjati ġewwa Malta u Għawdex huwa ta' 833. Fil-Belt Valletta hemm 65 ristorant liċenzjat.

Seduta 52
15/11/2022

**PULIZIJA – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI**

**3883. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu rapporti ta' fastidju sesswali lill-Pulizija matul is-sena 2021? Kemm minn dawn ir-rapporti saru minn nisa u kemm minn irġiel? Kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet ittellgħu l-Qorti? Kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet il-perpretrator instab ħati?

11/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 52
15/11/2022

**PULIZIJA – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**3884. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu rapporti ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol lill-Pulizija minn Jannar 2022 sa Ottubru 2022? Kemm minn dawn ir-rapporti saru minn nisa u kemm minn irġiel? Kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet ittellgħu l-Qorti? Kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet li ttellgħu l-Qorti, il-perpretrator instab ħati?

11/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 52
15/11/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ĦSARAT STRUTTURALI FIL-BINI**

**3885. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jikkonferma li rriżulta li hemm ħsarat strutturali fil-bini tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-Floriana? Jista' jelenka x'miżuri ttieħdu u jekk hux qed jiġi kkonsidrat li jinkera post sakemm issir il-manutenzjoni meħtieġa? Jekk se jinkera post, jista' jinforma lill-Kamra jekk ġiex identifikat dan il-post, fejn hu dan il-post, għal kemm żmien se jinkera u b'liema rata?

11/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nikkonferma lill-Onor. Interpellant li hemm ħsarat fis-soqfa ta' parti mis-sular terran u ta' parti mis-sular sovrastanti, tal-blokka prinċipali tal-binja li l-Awtorità tal-Ippjanar tuża f'St. Francis Ravelin, il-Furjana. Illi s-soqfa effettwati ġew imwieżna permezz ta' strutturi temporanji, filwaqt li diġà nkiteb it-tender u ġew preparati l-BOQs għax-xogħlijiet meħtieġa. Fl-istess waqt, ħarġet sejħa

għal Espressjoni ta’ Interess għall-kiri ta’ uffiċini, però ma daħlet l-ebda offerta. Din is-sejħa se terġa’ tiġi ppublikata fil-jiem li ġejjin.

Seduta 52
15/11/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PERFORMANCE ASSESSMENT TAL-ĦADDIEMA**

**3886. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid f'liema snin sar l-assessment tal-performance tal-ħaddiema fl-Awtorità tal-Ippjanar mill-2013 'il hawn u jekk ġiex innotat tibdil fil-performance meta kien hemm ħaddiema li ħadmu bir-remote working?

11/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess tal-prestazzjoni annwali tal-ħaddiema ilu jitħaddem mis-sena 1996. Permezz tiegħu jitkejjel l-output tal-ħaddiema li jaħdmu bir-remote working. L-Awtorità ma nnotat l-ebda tibdil fil-prestazzjoni ta’ dawn l-istess ħaddiema kkumparat mal-ħidma tagħhom mill-uffiċċju. Fi żmien il-pandemija, l-Awtorità kellha kważi nofs il-workforce tagħha jaħdmu remotely. Peress li sar investiment b’saħħtu fil-qasam tal-IT, l-operat tal-Awtorità seta’ jibqa’ għaddej.

Seduta 52
15/11/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ GĦAR ĦASAN – SPAZJI TA’ PARKEĠĠ**

**3887. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jitħallew spazji ta' parkeġġ fi Triq Għar Ħasan, Birżebbuġa, speċjalment in-naħa ta' fejn hemm l-irdum?

11/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 937.

Seduta 52
15/11/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ GĦAR ĦASAN - BANKINA**

**3888. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm f'metri kwadri se jintradam xagħri/garigue biex issir bankina fi Triq Għar Ħasan, Birżebbuġa, speċjalment in-naħa ta' fejn hemm l-irdum u faċċata?

11/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li quddiem l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi m’hemm l-ebda talba għal xi permess ambjentali relatat.

Seduta 52
15/11/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - ĦADDIEMA**

**3889. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema f'kull waħda mill-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu li qed jaħdmu b'mod remotely? Jista' jelenka l-policy ġenerali għal kull entità f'dan ir-rigward u x'inhuma l-miri?

11/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 937.

Seduta 52
15/11/2022

**IMQABBA – ARTIJIET MEĦUDA MILL-GVERN – KUMPENS DOVUT**

**3890. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3440 fejn intlabt biex inkun aktar speċifiku, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista li turi l-area u l-valur ta' kumpens dovut tal-artijiet fl-Imqabba li ġew meħuda mill-Gvern mill-1990 sad-data li fiha qed tiġi mwieġba din id-domanda u li għadhom ma ġewx ikkumpensati b'mod sħiħ? Tista' tingħata d-data għal kull każ meta se jingħata l-kumpens dovut u l-ammont tal-kumpens?

11/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif weġibna fil-mistoqsija parlamentari 3440, l-Awtorità tal-Artijiet tirrileva li d-domanda mressqa titlob ammont konsiderevoli ta’ riżorsi umani u ħin biex tiġi kkompilata. Ikun aħjar li l-Onor. Interpellant iressaq domanda aktar speċifika fuq siti speċifiċi bil-għan li jkun faċilitat il-ġbir tat-tagħrif, kif ukoll iż-żmien li jittieħed biex tinġabar tali informazzjoni jkun imqassar.

Seduta 52
15/11/2022